A.L. 135 ta' l-2004

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP.363)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 37(3) u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli lokali, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 153 ta' l-1994.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-kliem minn "L-elezzjoni" sa "10 ta' April, 2004" fis-subregolament (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"L-elezzjoni għandha ssir kull sentejn fit-tieni Sibt ta' Ottubru wara li l-Kummissjoni Elettorali toħroġ avviż għal dak l-għan:

Iżda l-Kumitat li ġie elett b'elezzjonijiet li saru fl-1 ta' Diċembru, 2001 għandu jkompli f'dik il-kariga sa l-elezzjonijiet li jmiss u li għandhom isiru fid-9 ta' Ottubru, 2004.".

Disposizzjoni transitorja.

3. Kull Att preparatorju magħmul in konnessjoni ma' l-elezzjonijiet, li skond ir-regolamenti prinċipali kif fis-seħħ qabel l-emendi magħmula b'dawn ir-regolamenti, kellhom isiru fl-10 ta' April, 2004 għandhom jitqiesu bħallikieku qatt ma ġew magħmula.